# *QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA*

**SEDE CIVILI**

***MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.***

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T' APRIL 2002**

**Avviz Nru: 199/99DM**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**Vs**

***Mark Coleiro***

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (LM450) rappresentanti import ta' 4 kambjali, 3 ta' LM104 il-wahda u l-ohra ta' LM138, debitament accettati u skaduti minn Novembru 1997 sa Frar 1998 rispettivament u mhux imhalsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 4 konsekuttivament u inklusivamenti. .

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-2 ta' Frar 1999 jammontaw ghal LM46 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut Mark Coleiro fejn eccepixxa:

1) Illi l-eccippjent jammetti t-talba attrici fis-somma ta' LM450, import ta' erbgha kambjali ohra pero' jirrespingi t-talba ghall-imghaxijiet:.

2 Illi, peress illi l-vettura bil-mutur lilu mibjugh mis-socjeta attrici kienet difettuza ma kienitx tal-kwalita' pattwita u adatta ghal-uzu li

ghaliha kienet inxtrat, b'konsegwenza illi l-eccipjent sofra u ghadu jsofri danni konsiderevoli, jixtieq jipprevalixxi ruhu mill-avviz tas-socjeta attrici sabiex jaghmel kontro-talba.

3 Salvi eccezzjonijiet ohra .

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Mark Coleiro fejn eccepizza:

Peress illi l-esponent konvenut jixtieq, jipprevalixxi ruhu mill-avviz tas-socjeta attrici sabiex jistitwixxi l-kontrotalba tieghu, qieghed hawn taht jaghmel l-istess kontro-talba tieghu:

U peress illi l-vettura bil-mutur Fiat Tempra bin-numru tar-registrazzjoni BAO 734 lilu mibjugha mis-socjeta attrici kienet defettuza, ma kienitx tal-kwalita' pattwita u adatta ghal-uzu li ghaliha kienet inxtrat b' konsegwenza illi l-esponent sofra u ghadu jsofri danni konsidorevoli:

Tghid ghalhekk is-socjeta attrici rikonvenzjonata ghaliex

(1) Mghandux jigi dikjarat minn dina l-Qorti illi l-vettura 'de quo' fil-mument tal-bejgh u tal-kunsinna taghha lill-esponent konvenut kienet difettuza, mhux tal-kwalita' pattwita u mhux addatta ghall-uzu li ghalih kienet inxtrat
(2) Ghaliex is-socjeta rikonvenzjonata m'ghandiex tigi dikjarata responsabli ghad-danni kollha sofferti mill-esponent
(3) Ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut okkorendo anke' bl-opra ta' periti nominandi, u;
(4) Ghaliex is-socjeta rikonvenzjonata mghandiex tigi ikkundanata thallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta rikonvenzjonata minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici U.C.I.M. Co Ltd ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepiet:

1 Illi preliminarjament il-procedura tal-kontro-talba uzata mill-konvenut f'dawn il-proceduri hija legalment insostenibbli billi l-azzjoni odjerna hija azzjoni kambjarja fir-rigward ta' liema l-Kodici tal-Kummerc fl-Artikolu 198 jispecifica illi meta eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u ghalhekk is-socjeta' attrici

ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-konvenut:

2 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, dina l-Qorti hija inkompetenti 'ratione valoris' li tiehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenut stante li l-karozza in kwistjoni ghandha valur wisq aktar minn LM1000;
3 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut irrinunzja ghall kwalunkwe dritt li seta' kellu peress li huwa baqa juza l-istess karrozza;
4 Subordinatament u minghajr pregudizzju in kwantu il-konvenut qed jallega li l-vettura hija difettusa u mhux adattata ghall-uzu li nxtrat;

a) L-azzjoni tieghu hija preskritta bil-moghdija ta' sitt (6) xhur a termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili (Kap16);
b) Fi kwalunka kaz it-talba ghad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

(5) Subordinatament u minghajr pregudizzju in kwantu il- konvenut qed jallega li l-vettura mhix tal-kwalita pattwita;

a) l-azzjoni tieghu hija preskritta bit-terminu ta' sentejn skond l-Artikolu 1407 (1) tal-Kodici Civili (Kap16);

b ) fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma jistax jitlob danni, izda jew jirrifjuta l-konsenja tal-karozza in kwistjoni jew jitlob dimunizzjoni fil-prezz taghha

(6) Subordinatament u minghajr pregudizzju illi mhux minnu illi l-karozza mhix tal-kwalita pattwita jew li fiha xi difetti, jew li mhux adattata ghall-uzu li kienet inxtrat ghalih , u ghalhekk it-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu;
(7) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju 2000 fejn il-partijiet ittrattaw preliminarjament l- eccezjonijiet tal- atturi

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta attrici pprezentati fit-18 ta' Lulju 2001.

Semghet ix- xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:--

Illi s-smigh ta' din il-kawza sa dan l-istadju gie limitat ghat-talba rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut u senjatament ghall-eccezzjonijiet preliminarji sollevati mill-atturi ghal din it-talba konvenzjonali.

Fit-talba tieghu l-konvenut jghamel riferenza ghall-kuntratt ta' bejgh esibit minn Emanuel Micallef ( a fol 20 tal-process) dokument EM1 fejn jirrizulta illi l-kambjalijiet in kwistjoni kienu gew mahrugin u accettati bhala parti mill-prezz ta' vettura Fiat Tempra Station Wagon li kienet giet mibugha mill-atturi lill-konvenut fit-12 ta' Jannar 1997 bil-prezz komplessiv ta' Lm7073 (seba telef u tlieta u sebghin lira Maltin).

Bil-kontro talba tieghu il-konvenut qieghed jippretendi illi ghandu jikkompensa il-valur tal-kambjali in kwistjoni ma dawk id-danni illi huwa jippretendi li ghandu jiehu minghand l-atturi minhabba xi difetti jew xi nuqqasijiet fil-kwalita' pattwiti li kellha l-vettura mixtrija.

Ghandu jigi rrilevat hawnhekk li l-konvenut, ghalkemm qed jippremetti illi l-vettura mibugha ma kienetx tal-kwalita, patwita u kellha wkoll id-difetti, huwa mhux qieghed jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt tal-bejgh izda qed jillimita t-talba tieghu ghal xi danni li huwa setgha sofra minhabba li kien gie obbligat jixtri w izzomm ghandhu vettura illi kellha xi nuqqasijiet fil-kwalita' pattwita jew kellha xi diffetti li kellhom jigu irrimedjati.

Il-kontro talba tal-konvenut ghalhekk ma tirrigwarda b'ebda mod il-valur tal-vettura kemm fil-prezent jew dak in-nhar tal-bejgh, izda tirrigwarda eskluzzivament il-likwidazzjoni u hlas ta' danni illi gew ikkawzati lilhu bin-nuqqasijiet tal-atturi fil-konsenja tal-vettura w illimita dawn id-danni ghal somma ta' massimu ta' Lm1000 (elf lira Maltin).

Ghaldaqstant ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' din il-Qorti 'rationae valoris', il-Qorti tiddikjara illi ma jirrizultax li l-kwistjoni tezorbita mill-kompetenza taghha u tiddikjara ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' talba simili bhal dik li qieghed jghamel il-konvenut bil-kontro-talba tieghu.

Bl-ewwel eccezzjoni preliminarji taghhom l-atturi jsostnu li fl-azzjoni kambjarja mhumiex ammessi eccezzjonijiet illi ma jirrigwardawx 'ut sic' il-forma tal-kambjala u li jirrigwardaw kwistjonijiet ohra li, ghalkemm intimament konnessi mal-hrug tal-kambjali in kwistjoni, huma personali ghal pussessur tal-kambjala, u meta dawn l-eccezzjonijiet ma jkunux likwidi u ma jistghux jinqatghu malajr fil-kawza kambjarja li tkun mixja.

F'dan il-kuntest l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc fis-subincizi (1) u (2) jipprovdi illi l-eccezzjonijiet li huma personali ghal pussessur tal-kambjala ma jistghux jdewmu l-hlas taghha jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun mixja; u jekk dawn l-eccezzjonijiet jkunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajra, skond ma kif jidhrila l-Qorti, ma ghandiex tkun imdewma.

F'dan il-kuntest ukoll il-Qorti tghamel riferenza ghas-sentenzi citati mill-attur fin-nota tal- osservazzjonijiet taghhom u senjatament ghal dawk is-sentenzi fl-ismijiet "Joseph Lia vs Alfred Dalli" Kummerc JDC 26.01.1989; "Dr L. A Randon noe vs Alfred Attard" Kummerc 15.16.1914 XXII.iii.75; "Kenneth Cole noe vs Philip Degiorgio" Kummerc 4.06.1986; "Dr Albert Ganado noe vs Dr George Dacoutros noe et" Appell Kummerc 17.04.1989; "Dr Victor Ragonesi now vs Gerard Bartoli noe et" Appell Kummerc 31.10.1994; "Dr Aldo Vella noe vs Rose Mary Clasby noe" Prim'Awla (gia Kummerc) JSP, 1.10.1996; RO VE R. Manufacturing Company Ltd vs Associated Supplies Limited Prim'Awla GCD 10.07.1997.

F'din ta' l-ahhar il-Qorti irriteniet hekk: *"L-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta' konvenuta ma humiex fuq il-forma tal-kambjala: ma humiex eccezzjonijiet kambjarji izda personali ghall-pussessur tal-kambjala.*

*Barra minn hekk, ma jistghux jinqatghu malajr f'din il-kawza ghax biex jinqatghu huwa mehtieg ezami ta' x'kienu l-pretensjonijiet miftiehma bejn il-partjiet, minn dan x'sar u x'ghad fadal li jsir. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ma jistghux idewmu l-kundanna ghall-hlas tal-kambjalijiet u jridu jitqiesu f'kawza ghalihom"*

Mill-istess talba rikonvenzjonali jirrizulta illi il-pretenzjoni tal-konvenut ghadha m’hiex likwida tant illi fil-kontro-talba jitlob infatti biex din il-Qorti tillikwida d-danni li huwa jippretendi li sofra.

Jirrizulta wkoll illi biex jigi determinat jekk kienx hemm nuqqassijiet fil-vettura mibugha u jekk dan in-nuqqasijiet kkawzawx xi danni, l-ezami jkun jirrikjedi certu tul ta’ zmien li defittinivament jinkwadra ruhu f’dak it-tul ta’ zmien kontemplat mill-imsemmi Artikolu 198 tal-Kap 13.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tiehu konjezzjoni tal-kontro talba tal-konvenut f’din il-kawza fejn l-atturi qed jezercitaw l-azzjoni kambjarja u konsegwentement qed tilliberah lill-atturi mill-osservanza tal-gudizzju fejn jirrigwarda t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

……………………………………
Magt Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

A. Farrugia
Dep.Reg
Civ27